Minuti tas-46 laqgha tas-seba' Kunsill Lokali l-Gharb li saret nhar il-Erbgha 23 ta' Marzu, 2016.
Il-laqgha nbdiet hin 2.00pm.

**Il-laqgha bdiet b'dawn il-membri prezenti:-**

| | |
|---|---|
| Sindku | David Apap Agius |
| Vici-Sindku | Carmen Vella |
| Kunsillier | Shirley Ann Cecchini<br>Anthony Camilleri |

**Ufficjali:**

Segretarju Ezekuttiv — Emily Amatulli-Depasquale

L-Ambaxxatrici V16 ma setghetx tattendi minhabba l-iskola.

**1.0 Approvazzjoni tal-Minuti tal-44 u 45 laqgha tal-Kunsill**

1.1 Il-Minuti tal-44 u 45 laqghat tal-Kunsill gew approvati u ffirmati bhala document korrett.

1.2 Il-Vici Sindku staqsiet dwar tiswijiet fi Triq San Dimitri bhal hitan imwaqqghin. Gie spjegat li dawn ix-xogholijiet qed jiehu hsieb taghhom il-Perit u ser ikunu qed isiru meta jibdew ix-xogholijiet fit-triq.

2.02pm Emanuel Muscat dahal ghal-laqgha.

1.3 Anthony Camilleri staqsa dwar il-pinnur tar-rih li ser jehel fejn San Dimitri. Gie spjegat li jekk ikun hemm bzonn huma stess ser jiehdu hsieb li jibdni platform biex joghla 'l fuq. Fil-jiem li ghaddew saret ukoll *site visit* mill-persuni inkarigati mill-progett.

1.4 Emanuel Muscat staqsa jekk il-permessi necessarji minhabba Triq San Dimitri kienux applikaw ghalihom. Gie spjegat li l-Perit kienu qed jiehu hsieb dwar il-permessi.

**2.0 Offerti: Provvista ta fjuri dekorattivi ghall-Infiorata bl-uzu ta' prodotti 'environmentally friendly' u prattici. (Ten 01-16), Provvista u rinovazzjoni ta' materjal tal-bini ta' standards gholjin u efficjenti bl-uzu ta' materjal u prodotti 'environmentally friendly'. (Ten 02-16), Akkwist ta' tindif 'environmentally friendly' u manutenzjoni tal-latrini pubblici fi Triq ta' Pinu (Ten03-16), Akkwist ta' tindif 'environmentally friendly' u manutenzjoni tal-latrini pubbici fi Triq Trux (Ten04-16), Kompetizzjoni tad-disinn – Monument Triq l-Gharb (Ten 05-16), Servizz ta' Handyman (Ten 06-16) u Kompetizzjoni – PV Panels Farm (Ten 07-16).**

2.1 Infethu l-offerti li ghalqu iktar kmieni u saret l-iskeda ta' offerti mitfugha. Gew sottomessi s-segwenti offerti:

Ten01-16 – Giet sottomessa offerta' wahda minghand Agriproducts Ltd. Il-Kunsill qabel unanimament li din ghandha tigi *awarded.*

Ten 02-16 – Giet sottomessa offerta' wahda minghand Rapa Showrooms Co. Ltd. Il-Kunsill qabel unanimament li din ghandha tigi *awarded.*

Ten 03-16 – Giet sottomessa offerta' wahda minghand Joseph Cauchi ghan-nom ta' Gharb Rangers F.C. Il-Kunsill qabel unanimament li din ghandha tigi *awarded.*

Ten 04-16 – Giet sottomessa offerta' wahda minghand l-Arcipriet ghan-nom tal-Kumitat Festi Esterni. Il-Kunsill qabel unanimament li din ghandha tigi *awarded.*

Ten 05-16 – Gie sottomess disinn wiehed mill-Iskola Primarja ta' l-Gharb. Is-Segretarju Ezekuttiv qrat l-ittra annessa ma' dan id-disinn fejn gie spjegat aktar fid-dettal l-ghazla tad-disinn.

Emanuel Muscat staqsa dwar it-twaqqif ta' Kumitat mill-Ministeru ghal Ghawdex dwar il-moumenti. Gie spjegat li bhala Kunsill ma giex infurmat dwar dan l-imsemmi kumitat.

Saret diskussjoni fejn inhargu diversi punti fosthom li mit-tlett monument indikat fuq id-disinn – Knisja Bazilika u Parrokkjali ta' l-Gharb, Santwarju ta' Pinu u Tieqa ta' Wied il-Mielah. Ghalkemm ix-xebh jidher li hija t-tieqa ta' Wied il-Mielah, din m'hijiex maghrufa daqs it-tieqa tad-Dwejra u ghalhekk tista' taghti indikazzjoni li wiehed qed jirreferi ghat-tieqa tad-Dwejra u mhux dik ta' Wied il-Mielah. Punt iehor li tqajjem kien li l-monument originali kien iktar semplici u kien jirraprezenta l-premju mirbuh. Fuq dan il-punt ingbided l-attenzjoni li l-iskop tal-monument kien qieghed sabiex jilqa' lil min ikun diehel l-Gharb u mhux l-premju li intrebah.

Wara diskussjoni fit-tul il-Kunsill qabel li ghandu jigi ikkuntatjat l-Artist sabiex jigi diskuss mieghu dan il-monument u jigi spjegat li l-Kunsill huwa ta' l-ideja li ghandu jinhadem disinn fuq dak ga esistenti skond il-permess tal-MEPA.

Ten 06-06 – L'ebda offerta' ma giet sottomessa.

Ten 07-06 – L'ebda offerta' ma giet sottomessa.

**3.0 Attivita' 2 ta' April – Rio GOES West**

3.1 Bhal ma diga gie diskuss fil-laqgha precedenti nhar is-Sibt 2 ta' April ser issir l-attivita' Rio GOES West fejn filghodu kienet ippjanat gurnata ta' reciklagg segwita' b'serata karnivaleska. Il-Kunsill gie infurmat li l-kumpanija GreenMT kienet infurmat lill-Kunsill li mhux ser ikun possibli li jtellghu l-gurnata tar-reciklagg fit-2 ta' April u kien ghalhekk li dawn kienu qed jitolbu li ssir fid-9 ta' April.
Il-Programm ta' Rio GOES West kien ser jibda' fil-5pm fejn ser ikun hemm partecipazzjoni minn madwar 20 grupp minn Malta u 6 ohra minn Ghawdex. Fil-bidu tal-Programm jigifieri bejn il-5pm u 6.30pm ser ikun hemm zfin normali.

B'kollox ser ikun hawn madwar 20 grupp minn malta u madwar 6 minn Ghawdex. Sabiex jibqghu nies prezenti gewwa l-Pjazza, l-gruppi Ghawdxin ser jithallew ghall-ahhar.

Bhala seating ser ikun qieghed fuq il-genb tal-Pjazza fejn tal-kultura ser ikunu qed jarmaw platforms li ser jitnehhew mill-post il-Hadd filghodu. Ghall-attivita' bhala compare ser ikun hawn il-Kav. Joe M. Attard.

Il-kumpanija 2ceeMedia gew mitluba kwotazzjoni li kienet tammonta ghal €350. Il-Kunsill qabel li ghandu jipprocedi ma' din il-kwotazzjoni.

Gie spjegat ukoll li Leon Promotions li ser ikunu qed jiehdu hsieb il-kordinazzjoni ta' din l-attivita' ser ikunu moghtija l-ammont ta' €2.30 ghal kull participant.
Spejjez ohra ser ikunu t-transport permezz tal-buses mill-Imgarr sa l-Gharb u lura.

Bhala ikel, il-Kunsill gie avvicinat mill-Ghaqda tal-Briju sabiex jarmaw huma waqt l-attivita'. Il-Kunsill qabel ma' din it-talba.

Emanuel Muscat staqsa jekk hux ser isiru tined ghal fejn ser ikun hemm tal-ikel. Il-Kunsill qabel li ghandha ssir talba lill-kumpanija General Soft Drinks ghal dawn it-tined.

3.2 Saret referenza ghall-attivita' li ser issir mill-GreenMT bhala gurnata ghar-reciklagg, is-Sibt 9 ta' April, 2016. Dawn ser ikunu qed jigru hwejjeg u zraben qodma, hgieg, plastic, ecc. Sadanittant il-Kunsill qed jistenna minghand il-GreenMT risposta dwar x'isir minn dawn l-affarijiet. Il-Kunsill qabel li jekk il-kaz ikun li dawn jintremew, il-Kunsill ser ikun qed jghaddihom lil tal-missjoni.

3.3 Il-Vici Sindku qalet huha kien gew minn wara l-knisja u kien qed isuq trakk kbir tac-cement u minhabba l-hadida li twahhlet fi Triq Dun Alwig Mizzi kantuniera ma' Pjazza Zjara tal-Madonna ma setghax idur. Is-Sindku spjega li kellha ssir site visit dwar din il-hadida pero' min-naha tac-CMU dawn gew u wahhluha minghajr approvazzjoni. Sadanittant is-site visit ghadha pendent. Anthony Camilleri gibed l-attenzjoni li huwa difficli ghat-trakkijiet sabiex iduru maghha. Emanuel Muscat qal li huwa tal-opinjoni li qabel tinqala' issir diskussjoni. Saret diskussjoni fejn giet innotat li bhala safety ghal min ikun ghaddej bil-mixi qeghda sewwqa pero' din mhux konformi ma' l-ambjent tal-madwar. Emanuel Muscat qal li jekk din tinqala' u wara jsir xi incident il-Kunsill ikun responsabbli. Gie spjegat li din tpoggiet fuq il-post minghajr permess u ghalhekk kienet illegali. Fl-istess waqt jekk wiehed ikollu incident u jkisser il-karozza minhabba din il-hadida, l-Kunsill stess ikun responsabbli. Jekk din kienet giet imwahhla fuq il-bankina kienet tkun ahjar . Emanuel Muscat qal li permezz tal-hadida min ikun gej bil-mixi minn Triq Dun Alwig Mizzi jibqa' idur maghha qabel jinzel fit-triq u ghalhekk ma jkunx hemm daqshekk periklu meta jigi biex jaqsam peress li ma jkunx ghadu fil-kantuniera.
Is-Sindku spjega li meta kienet qeghda ssir il-bankina, kien hemm diga talba mis-sidien sabiex issir din il-hadida u kien sar qbil li jekk ikun hemm approvazzjoni taghha din tkun tista' ssir. Huwa kien issugerixxa ukoll li jsir pole pero' r-residenti ma kienux qablu.
Apparti li din il-hadida qeghda taghti dehra kerha, gie innotat li meta twahhlet saret hsara lill-bankina. Il-Kunsill qabel li din ghandha tinqala u tinkiteb ittra lit-Transport

Malta fejn ninfurmawhom li din inqalet u ssir talba ghal *site visit*. Emanuel Muscat qal li huwa ma jaqbilx li tinqala' minhabba safety.

**4.0 Zjara lil Lousa, Portugal**

4.1 Gie spjegat li l-Kunsill kien qed jikkonkludi l-postijiet ta' akkomodazzjoni, transport, ecc u li qed isiru xi deposits mitluba. Saret diskussjoni dwar il-bagalji fejn il-Kunsill qabel li dawn ghandhom jingabru minn gurnata qabel filghaxija. Fil-gurnata tat-tluq kulhadd ghandu jingabar fil-Pjazza fil-5am. Minibus ser tkun qeghda tigbor lil familja ta' Emanuel Muscat u l-bqija li joqghod fiz-zona ta' Birbuba. Il-wasla f'Madrid hija mistennija ghas-1pm. Wara ser ikun hemm it-transport lejn il-Portugal li jiehu madwar 5 sieghat u mat-triq ser ikun hemm zewg waqfiet.

4.2 Il-lukanda tal-Portugal ghandha restaurant u filghaxija l-grupp ser jiehu l-ikla ta' filghaxija f'dan il-post. Kollox huwa inkluz apparti x-xorb. Il-gurnata ta' wara ser ikun hemm il-*breakfast* kmieni sabiex ikun hemm ghall-*workshops* u hin ghal *sightseeing*. F'din il-gurnata huwa previst excursion ghal Portoduro.

Fl-4 ta' Gunju, wara l-*breakfast* ser ikun hemm il-gurnata ufficjali fejn ser issir laqgha mas-Sindki ta' Lousa u Coimbra.

Il-Hadd 5 ta' Gunju, wara l-*breakfast* il-grupp ser jmur gewwa Fatima u z-zoni ta' Portosalvo u Lisbona u filghaxija ikun hemm l-ikla ta' filghaxija gewwa l-lukanda.

It-Tnejn 6 ta' Gunju, l-grupp ser jitlaq kmieni wara l-*breakfast* lejn Madrid. Mat-triq il-grupp ser jaghmel waqfa bhala *excursion*. Il-wasla gewwa Madrid hija prevista ghal 12pm – 1pm fejn dritt wara jsir ic-check-in gewwa l-lukanda ta' Madrid u jsir tour ta' Madrid. Il-lukanda tinsab madwar 10 minuti sa 15-il minuta boghod mill-ajruport. Filghaxija ser ikun hemm l-ikla ta' filghaxija gewwa l-istess lukanda.

It-Tlieta 7 ta' Gunju. F'din il-gurnata peress li t-titjijra lura lejn Malta qeghda kmieni filghodu, l-Kunsill qieghed jipprova jirranga biex issir packed breakfast min-naha tal-lukanda fl-4am u wara l-grupp jitlaq dritt lejn l-ajruport.

Fil-granet li gejjin kif ikun gie iffinalizzat il-programm ser tinghata kopja tieghu lill-Kunsilliera.

4.3 Bhala transport gie spjegat li ser ikun hem bus li tesa' 65 persuna u ohra minibus li tesa' 25 epersuna. Parti mill-grupp irid joqghod fil-minibus. Kemm il-Vici Sindku kif ukoll Emanuel Muscat offrew li joqghodu huma fil-minibus. Mal-programm ser titqassam ukoll formola ghal min huwa *gluten intolerant*, *vegan*, ghal min ghandu diabete jew kundizzjoni ohra medika.

4.4 Gie spjegat ukoll li l-Kunsill ikun irid jiehu xi souvenirs / tokens ghal meta ikun hem iz-zjarat ufficjali. Il-Kunsill qabel li dawn ghandhom jinxtraw.

4.5 Gie spjegat li min xtaq giet ipprovduta *travelling insurance* u dan kien extra ma' l-ispejjez l-ohra.

## 5.0 Bus Shelters

5.1 Gie spjegat li matul l-ahhar snin it-Transport Malta flimkien mall-kumpanija Faces Consultants kienu qed jiehdu hsieb il-bdil tal-bus shelters fil-lokalitajiet. Sfortuntament il-lokalita' ta' l-Gharb ma kelliex ix-xorti li tircievi minn dawn. L-ideja hija li jigu installati bus shelters godda u l-Kunsill ikun jista' jiehu flus minn reklami li jsiru gewwa fihom. Din l-ideja kienet gejja mill-aministrazzjoni tal-lukanda Kempinski fejn urew ix-xewqa li jirreklamaw f'wahda minn dawn. Din tista' tkun simili ghal dawk ezistenti pero' minghajr il-genb. Il-Vici Sindku qalet li hija ma taqbilx li tkun minghajr il-genb. Gie spjegat li sabiex isir bil-gnub il-Kunsill ikollu jitlob full development permission mill-MEPA u li ma tantx jaqbel meta wiehed jara bil-freqwenza tat-Transport Pubbliku li huwa regolari u dawn jintuzaw biss ghal ftit minuti. Anthony Camilleri qal li jekk ma jkunx hemm bizzejjed spazju din ma tkunx tista' tehel. Shirley-Anne Cecchini staqsiet jekk hux ser tehel wahda fil-Pjazza. Is-Sindku spjega li fil-Pjazza ma kienx hemm wahda u li l-ideja hija li bhalissa jinbidlu dawk ezistenti. Wara diskussjoni, l-Kunsill qabel li ghandhu jahdem sabiex jingabu l-permessi mehtiega u jinbidlu dawk esistenti.

## 6.0 Skeda ta' Pagamenti

6.1 Il-Kunsill approva unanimament l-iskeda tal-Pagamenti.

## 7.0 Korrispondenza u materji ohra

8.1 Is-Sindku infofmal lill-Kunsill li s-Sur Michael Bajada kien hadem fuq id-disinn ta' l-Infiorata, liema disinn gie muri lill-Kunsilliera. Ghal dan l-avveniment, il-grupp li sejjer Noto ser ikun compost mis-Sur Michael Bajada, l-artist, is-Sindku u l-Perit Scerri li ser ikun qeghdin jghin fid-disinn. Interessati ukoll kien hemm is-Sinjura Josette Vella Magro, is-Sur Franklin Farrugia u x'aktarx anke is-Sur Adrian Formosa. B'kollox kien hem 8 postijiet disponibbli. F'dan l-istadju il-Kunsill kien ghad irid jara jekk il-grupp jitlax bil-katamaran jew bl-ajruplan. Is-Sindku stieden lill-Kunsilliera biex jekk xi hadd minnhom xtaq jattendu jinfurmah mill-iktar fis possibli.

8.2 Minghand Lorenzo the Magician dwar attivitajiet li huwa joffri.

8.3 Minghand il-Gozo Horse Racing Association fejn il-Kunsill gie mitlub sabiex jghin fl-attivita'. Is-Sindku spjega li huwa kien gie ikkuntajt mill-President tal-korsa u huwa kien baqa' maghhom li din hija materja li trid tigi diskussa waqt il-laqgha tal-Kunsill. Minkejja dan huma xorta wahda nizzlu l-logo fuq il-*leaflet* taghhom. Il-Kunsill iddecieda li jaghti l-ghajnuna tieghu f'dan l-event b'€50 pero' ghal darb'ohra dawn ghandhom jahsbu kmieni.

8.4 Is-Sindku spjega li it-team ta' l-Ispecial Olympics talbu lill-Kunsill sabiex jaghmlu uzu mill-ground u trakka tal-jogging. Apparti minnhekk huma ghandhom bzonn ukoll post fejn ihallu l-*equipment* taghhom. Is-Sindku qal li huwa kien issugerixxa sabiex igibu cabinet maghhom fejn izommu l-affarijiet taghhom. Il-Kunsill qabel li dawn ghandhom jinghataw il-possibilita' li jaghmlu uzu mill-ground u l-*jogging track*.

8.5 Minghand il-MEPA fir-rigward ta' appell numru PA6211/08. Is-Sindku spjega li huwa kien attenda ghas-seduta u li kif jidher da nil-permess ma kienx ser jinhareg.

8.6 Giet trattata s-segwenti korrispondenza minghand il-MEPA:
Avviz biex tieqaf u ta' twettiq numru 64/16.
Applikazzjonijiet godda ghal permess ta' zvilupp - PA3190/15.
Talba ghal estensjoni – *To construct dam for water retention* f'Wied tal-ispizjar.

8.7 Minghand id-Direttorat ghas-Sahha Ambjentali fir-rigward ta' Cirkulari mahruga mid-direttorat fir-rigward taz-Zika Virus.

8.8 Minghand Micallef Joe Travel fir-rigward ta' offerti ta' vjaggar li huma joffru.

8.9 Minghand MCAST fir-rigward ta' flyer bil-part-time courses.

8.10 Minghand MCAST fir-rigward ta' korsijiet tal-licenzja tad-dghajsa.

8.11 Minghand il-Ministeru ghall-familja u Solidarjeta' Socjali fir-rigward ta' rapport ghas-sena 2013 – Uzu ta' Alkohol, tabakku droga f'Malta.

8.12 Minghand PWC fir-rigward ta' certifikazzjoni f'immanigjar ta' Fondi Ewropej (EQF/MQF Level 5).

8.13 Minghand il-Care Malta fir-rigward ta' Nazareno Vassallo Award. Il-Kunsill iddiskuta din in-nominazzjoni u ddecieda li jinnomina lil Emanuel Galea.

8.14 Minghand Refalo Traffic Signs fir-rigward ta' tabelli tat-traffiku li jipproducu.

8.15 Anthony Camilleri ssugerixxa li f'Wied il-Mielah isiru *crash barriers* minhabba periklu ta' incidenti. Wara diskussjoni, l-Kunsill qabel li japplika mat-Transport Malta ghal dawn il-barriers.

8.16 Giet tratta korrispondenza minghand is-Sinjuri Wilson ta' Triq Trux fir-rigward ta' problema ta' parking gewwa din it-triq. Fl-ittra taghhom huma spjegaw li gewwa Triq Trux hemm diversi residenti li ghandhom residenza bil-garaxx u xorta wahda ihallu l-vetturi taghhom fit-triq bil-konsegwenza li ma jkunx hemm bizzejjed spazju fejn wiehed jipparkja. Is-Sindku issugerixxa li bhala soluzzjoni tista' tkun li jitpoggew parking meters. Anthony Camilleri qal li din tista' tohloq inkonvenjent u jrid ikollok warden li jiccekkja li finalment tista' tohloq spiza ghall-Kunsill. Suggeriment iehor kien ukoll li tintbghat ittra fid-djar ta' Triq Trux, Triq l-Isqof Molina u Triq Frenc ta' l-Gharb fejn wiehed jaghti s-suggerimenti u l-idejat tieghu dwar x'jahsbu minn sistema ta' parking meters u sadanittant tinkiteb ittra lit-Transport Malta sabiex jaghtu suggerimenti min-naha taghhom ukoll. Wara diskussjoni l-Kunsill qabel li ghandu jikteb ittra lit-Transport Malta sabiex jiehu s-suggerimenti taghhom.

Il-Kunsill qabel ukoll li fil-kantuniera ta' Triq l-Isqof M. Molina faccata tad-dar numru 24 issir talba ghal double yellow parking ghar-raguni li gie li jkun hemm karozzi ipparkjati fil-kantuniera.

8.17 Il-Vici Sindku semmiet li giet avvicinat mis-Sur Austin Azzopardi dwar bozza fi Sqaq Papa Klement li trid tigi imharka peress li fejn qeghda mhux taghti dawl fit-triq imma f'zona privata. Gie spjegat li l-Inginier diga infurmat dwar dan.

8.18 Il-Vici Sindku staqsiet dwar meta hija prevista li ssir l-inawugrazzjoni tal-monument ta' l-Isqof Cauchi. Is-Sindku spjega li huwa kien mar Sqallija gewwa l-fonderija biex jara x-xogholijiet u kellhom isiru xi tibdiliet fil-monument. Huwa ghalhekk li l-Kunsill qabel li qabel jasal il-monument Malta ma ssirx data.

8.19 Is-Sindku u s-Segretarju Ezekuttiv spjegaw li fil-prezent il-Kunsill ghandu Internet Key sabiex ikunu jistghu jigu accessi l-kontijiet tal-bank. Fil-prezent din il-key qeghda read only. Gie spjegat ukoll li sabiex il-Kunsill jevita' li kull darba joqghod imur il-bank il-bank sabiex jiffirma kemm is-Sindku kif ukoll is-Segretarju Ezekuttiv, tista' tintalab li jkun hemm key ohra sabiex jigu awtorizzati t-trasazzjoni. Il-Kunsill qabel li ghandu jipprocedi sabiex ikollu key ohra tal-bank.

8.20 Gie spjegat li fil-passat kien hemm ghaqda imwaqqfa li jisima Ghaqdiet Lokali Gharb sabiex meta jkun hemm applikazzjoni ghall-NGO's tkun tista' ssir minn din l-Ghaqda ghan-nom tal-Kunsill. Huwa necessarju fil-prezent li din tigi registrata kif suppost u jkollha n-numru tal-V/O, VAT, ecc. Il-Kunsill qabel li ghandhu jiehu l-passi mehtiega sabiex japplika ghal tali ghaqda.

8.21 Emanuel Muscat staqsa dwar it-tabelli indikativi. Is-Sindku spjega li dawn it-tabelli huma approvati mit-Transport Malta u gie spjegat fejn ser jitwahhlu.

8.22 Emanuel Muscat staqsa dwar l-arblu ta' Triq Virtu' fejn is-Sindku spjega fejn dan sesr jitwahhal u li l-Culvert mhux ser jinbidel.

8.23 Is-Sindku ssugerixxa li ghandhom jehlu tabelli indikativi fejn ir-roundabout ta' Triq San Pietru. Il-Kunsill qabel ma' dan is-suggeriment.

8.24 Emanuel Muscat semma li hemm diversi postijiet li huma *deadend* u li tajjeb li wiehed iwahhal tabelli li juru dan bhal ma huwa per ezempju Wied ir-Raghab. Is-Sindku talabu sabiex jindika liema huma u jghaddi l-lista lis-Segretarju Ezekuttiv.

8.25 Il-Vici Sindku qalet li mad-dar ta' Louis Mizzi 'Villa M'Angelo', Triq Birbuba, Gharb hemm arblu tad-dawl li qed jaqla l-apramorta. Emanuel Muscat qal li f'dan il-kaz ikun irid jittiehed ritratt tal-faccata u jintbghat lill-Customer Care ta' l-Enemalta. Il-Vici Sindku qalet li ser titkellem mas-sid.

8.26 Il-Vici Sindku semmiet dwar iz-zjara ta' tourist guides li saret fl-Gharb ricentament. Hija spjegat li din isir b'mod regolari minn da nil-grupp u li jmorru f'post differenti kull darba.

8.27 Emanuel Muscat semma dwar il-fiera tal-ktieb li ssir gewwa x-Xlendi fejn jinbieghu kotba anke godda bi prezzijiet tajbin.

8.28 Is-Sindku qal li l-Kunsill kien gie moghti ktieb minghand Dun Beneditt Camilleri waqt l-inawgurazzjoni tal-belveder fi Triq Tumas Cassar li kien isemma' ghal Dun Salv Camilleri li fih jigbor informazzjoni dwar l-istorja ta' l-Gharb. Dan il-ktieb u

kull informazzjoni ohra migbura dwar ir-rahal ghandha tinghata priorita' jinstabu l-finanzi sabiex ikun jista' jigi ppublikat/i f'kotba. Il-Kunsill qabel unanimament li ghandu jmexxi bil-process sabiex jippublika kull informazzjoni relatata mar-rahal.

**9.0 Aggornament**

12.0 Il-laqgha li jmiss ser tinzamm nhar 27 ta' April, 2016.

12.1 Il-laqgha spiccat hin 5.07 pm.

Konfermati minn

David Apap Agius
Sindku

Emily Amatulli-Depasquale
Segretarju Ezekuttiv